**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru: 718/02 AJD.**
**S. Gullaimier & Company Limited**

**vs**

**Adam Jones, Spencer James Seeley u Maria Arlette Seeley**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u hmistax il-Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1,115.39) rapprezentanti bilanc ta' prezz akbar ta' materjal lilhom mibjugh u kkonsenjat fuq ordni u inkarigu taghhom, mis-socjeta' attrici.
Bl-imghax skond il-ligi mill-1 ta' Dicembru 1999 sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid

kawtelatorji li gew prezentati kontetwalment mal-avviz kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenut Adam Jones, debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fl-14 ta’ Gunju 2002 fejn hija cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti Spencer James Seeley u Maria Arlette Seeley izda zammet fema l-azzjoni fil-konfront ta’ Adam Jones.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Ronald Aquilina, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut mill-konvenut Adam Jones. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu fil-konfront tal-konvenuti Spencer James Seeley u Maria Arlette Seeley, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenut l-iehor Adam Jones, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut Adam Jones ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, mija u hmistax il-Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1,115.39) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut Adam Jones skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**